**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-KUMMERC)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum il-Hamis, 25 ta` Frar 2021**

**Kawza Nru. 16**
**Rikors Nru. 34/2020 JZM**

**Timothy Camilleri (K.I Numru 647563M) u Corinne Camilleri (K.I Numru 381965M) gja azzjonisti u gja diretturi tas-socjeta` Integrated Business Systems Limited (C-18440)**

***kontra***

**Registratur tal-Kumpanniji**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors li kien prezentat fit-12 ta` Awwissu 2020 li jaqra :–

*1. Illi l-esponenti huma azzjonisti u sidien ahharin tas-socjeta` Integrated Business Systems Limited bin-numru ta` registrazzjoni C 18440 registrata fl- indirizz 36, Triq ir-Russett, Kappara, Malta.*

*2. Illi ai termini tal-artikolu 325 (1) tal-Att dwar il-Kumpanniji Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta, l-intimat baghat ittra datata 19 ta` Frar 2020 li permezz taghha avza lid-direttur, u cioe l-esponent Timothy Camilleri, tas-socjeta` Integrated Business Systems Limited li s-socjeta` kienet naqset milli tirreġistra d-dokumenti rilevanti ma` l-istess u ghalhekk kellha tinforma lill-intimat jekk kienitx ghadha qieghda topera (ittra hawn annessa u mmarkata bhala `Dok A`).*

*3. Illi fit-30 ta` Marzu 2020, l-esponent Timothy Camilleri bhala direttur tas-socjeta` Integrated Business Systems Limited, irrisponda l-ittra billi informa lill-intimat illi "whilst IBS is indeed non trading and has been since 2012, the aforesaid company is in litigation proceedings for damages sustained which ultimately lead to this situation. We therefore ask the company remain active" (ara skambji ta` emails kollettivament hawn annessi u mmarkati bhala Dok B).*

*4. Illi s-socjeta` Integrated Business Systems Limited hija parti fis-segwenti proceduri ġudizzjarji permezz ta` liema talbet lill-Onorabbli Qorti diversament preseduta sabiex, fost ohrajn, tillikwida d-danni ikkaġunati lilha minn terzi liema kawzi ghadhom ghaddejjin sal-lum u jinsabu f`stadji avvanzati :*

*a. Integrated Business Systems Limited vs Golden Harvest Manufacturing Limited - Rik Numru: 12/2019 LM (Appell Amministrattiv (Ġurisdizzjoni Inferjuri) – Differita ghas-sentenza ghat-2 ta` Settembru 2020 fit-8:45.*

*b. Integrated Business Systems Limited (C18440) vs Exigy Limited (C30110) – Rik Numru: 764/2018 MCH (Prim`Awla Qorti Civili) – Differita ghar-rapport ghall-14 ta` Settembru 2020 fid-9:15.*

*c. Integrated Business Systems Limited (C18440) vs Crimsonwing plc (C42234) et – Rik Numru: 759/2018 MCH - (Prim`Awla Qorti Civili) – Differita ghar-rapport ghall-14 ta` Settembru 2020 fid-9:15.*

*d. Integrated Business Systems Limited (C18440) vs Exigy Limited (C30110) – Rik Numru: 625/2016 MCH (Prim`Awla Qorti Civili) – Differita ghall-kontinwazzjoni ghall-14 ta` Settembru 2020 fid-9:15.*

*e. Integrated Business Systems Limited (C18440) vs Microsoft Ireland Operations Limited et – Rik Numru: 924/2016 MCH (Prim`Awla Qorti Civili) – Differita ghall-kontinwazzjoni ghall-14 ta` Settembru 2020 fid-9:15.*

*f. Integrated Business Systems Limited (C18440) vs Crimsonwing plc (C42234) et – Rik Numru: 922/2018 MCH - (Prim`Awla Qorti Civili) – Differita ghall-kontinwazzjoni ghall-14 ta` Settembru 2020 fid-9:15.*

*5. Illi l-esponent Timothy Camilleri rcieva risposta ghall-korrispondenza tieghu hawn fuq imsemmija minn Dottor Geraldine Spiteri Lucas dik in-nhar stess, u cioe fit-30 ta` Marzu 2020, fejn ikkonfermat li l-intimat ircieva r-risposta tal-esponent Timothy Camilleri ghan-nom tas-socjeta Integrated Business Systems Limited, u in segwitu tal-kontenut ta` tali korrispondenza, kienet qieghdha zzid lis-sur Schembri u lis-sinjura Rogers, li tmexxi din il-procedura ta` thassir minn fuq ir-reġistru, fil-korrisponenza fil-kaz li jkollhom bzonn izjed informazzjoni jew xi kjarifika. Minkejja dan, jidher li s-sinjura Rogers ma ġietx mizjuda fil-korrispondenza (ara email datat 30 ta` Marzu 2020 f`11:51 anness u mmarkat `Dok B`).*

*6. Illi minkejja li s-socjeta` kienet ghadha attiva izda kienet waqfet fin-negozju taghha ghar-raġunijiet li huma l-mertu tad-diversi proceduri legali, bla ebda pre-avviz iehor, is-socjeta Integrated Business Systems Limited ġiet mhassra minn fuq ir-registru tal-kumpanniji, ai termini tal-Artikolu 325(2) (ara estratt mir-reġistru elettroniku hawn anness u mmarkat bhala `Dok C`) b`effett mis-27 ta` Ġunju 2020.*

*7. Illi l-esponent Timothy Camilleri ghamel tentattiv sabiex jerga` jinforma lir- Registratur li s-socjeta` kienet ghadha attiva tant li kienet ghadha ghaddejja b`diversi proceduri legali biex b`hekk talab sabiex jitranġa dan l-izball amministrattiv in kwantu l-intimat kien ġja ġie mgharraf bis-sitwazzjoni partikolari tas-socjeta` inkwistjoni. Dr. Spiteri Lucas ghall-intimat izda irrispondiet billi spjegat illi "I did not confirm that we are not going to proceed with the striking off of the company. I told you that I am copying the persons in charge for their comments. By mistake I did not copy the persons in charge. I am sure*

*that you have realized this and that you had to receive feedback from our side. You were aware of the 3 month period for strike off and the least you could do is to follow up the matter before the date of strike off. As director you are aware that even though the company was not trading you still had an obligation to file the annual returns and financial statements and pay the outstanding penalties. Your lawyer can guide you on the relevant application to be filed in court for the revival of the company." Jiġi precizat illi l-esponent Timothy Camilleri ma rcieva ebda "feedback" mill-intimat wara l-skambju ta` korrispondenza fit-30 ta` Marzu 2020 (emails annessi u mmarkati bhala `Dok B`).*

*8. Illi qabel ma rcieva din l-ahhar email ta` Dr. Spiteri Lucas, l-esponent Timothy Camilleri tkellem ukoll telefonikament mas-Sur Schembri li kkonfermalu illi hu ma kien jaf b`xejn dwar l-iskambju ta` korrispondenza tat-30 ta` Marzu 2020 bejn l-istess Timothy Camilleri u Dr. Spiteri Lucas u hemm dubji sejri jekk kienx qatt hemm komunika interna fuq is-sitwazzjoni straordinarja tas-socjeta Integrated Business Systems Limited biex ma tiġix imhassra mir-reġistru tal-kumpanniji, billi jidher li setgha kien hemm zball amministrattiv in kwantu l-kap tal-Defunct Procedure fi hdan il-Malta Business Registry, u cioe s-sinjura Rogers, ma ġietx ikkupjata fil-korrispondenza u b`hekk setghet ma ġietx infurmata bil-fatti partikolari tal-kaz. Di piu, ma jirrizulta minn imkien jekk il-procedura ikkontemplata fl-Artikolu 325 tal-Kap 386 ġietx segwita billi is-socjeta Integrated Business Systems Limited ma rciviet ebda avviz iehor qabel it-thassir tal-kumpannija mir-reġistru u ma jirrizultax, sa fejn jafu l-esponenti, jekk fil-fatt ġie ippublikat l-avviz ghat-thassir tal-imsemmija socjeta` mir-reġistru.*

*Izda iktar minn hekk, fi kwalunkwe kaz, it-terminu perentorju stabbilit taht Artikolu 325(2) tal-Kap 386 ta` tliet xhur ghat-thassir tal-kumpannija mir-reġistru, li ghandhom jibdew jiddekoru mid-data tal-ahhar pubblikazzjoni (jekk din qatt saret), ġie sospiz ai termini tal-Avviz Legali 141 tal-2020, Att dwar is-Sospensjoni u l-Interruzzjoni ta` Perjodi ta` Zminijiet Legali u Ohrajn (Kap 609), Regolamenti tal-2020 dwar id-Dispozizzjonijiet Ġenerali li japplikaw ghas-Sospensjoni tal-Hinijiet Legali u Ġudizzjarji, biex b`hekk il-procedura adoperata mill-intimat kienet irregolari u illegali. Ghalkemm ma tirrizultax mill-atti d-data tal-pubblikazzjoni, huwa bil-wisq evidenti mill-fatti meta sehhew li tali terminu perentorju mhux talli m`ghaddhiex izda talli probabbli ghadu ghaddej sal-lum.*

*9. Illi jekk is-socjeta` Integrated Business Systems Limited ma terġax titqieghed fuq ir-Registru tal-Kumpanniji, l-esponenti ser*

*isofru danni irreparabbli billi ha tippreġudika serjament u b`mod irremedjabbli l-proceduri legali mressqa mill-kumpannija, partikolarment izda mhux limitat ghas-seduta diferita ghas-sentenza fit-2 ta` Settembru 2020, inqas minn erba` ġimghat il-boghod, u l-assi tal-istess socjeta` jiddevolvu f`idejn il-Gvern ta` Malta skont il-liġi.*

*10. Illi huwa assolutament krucjali li l-kumpanija terġa` tiddahhal fir-Reġistru tal-Kumpaniji qabel ma tkun tista` tinghata s-sentenza fit-2 ta` Settembru 2020 anke ghaliex dawk il-proceduri legali huma assolutament vitali ghall-kumpanija, huma l-frott ta` bosta snin ta` litigazzjoni li issa jistghu jisfumaw fix-xejn minhabba azzjoni mghaġġla u, bir-rispett kollu, mhux akkurata tal-intimat.*

*11. Illi l-esponenti huma disposti li jiehdu ukull azzjoni mehtiega sabiex tigi regolarizzata l-pozizzjoni tal-kumpannija in kwistjoni.*

*Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitlobu lil din l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni jew provvediment opportun, tordna lir- Reġistratur tal-Kumpanniji sabiex ai termini tal-Artikolu 325 (4) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta` Malta :*

*i. Jerġa` minnufih idahhal l-isem tas-socjeta` Integrated Business Systems Limited (C 18440) fir-registru tal-Kumpanniji sabiex b`hekk l-istess socjeta` titqies li kompliet bl-ezistenza taghha daqslikieku isimha ma ġietx mhassra; u*

*ii. Jaghmel dawk il-pubblikazzjonijiet u jiehu dawk il-mizuri kollha mehtieġa ai termini tal-Liġi relattivi ghal tali inserzjoni fir-Reġistru tal-Kumpanniji skont il-liġi.*

*Bl-ispejjez.*

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat id-dokumenti li kienu prezentati mar-rikors promotur.

Rat ir-risposta li pprezenta l-intimat fit-18 ta` Settembru 2020 li taqra :-

*Illi l-kumpannija INTEGRATED BUSINESS SYSTEMS LIMITED (C 18440) kienet giet registrata mar-Registru tal-Kumpanniji (ir-"Registratur") fid-9 ta` Mejju 1995;*

*Illi fiz-zmien li damet fuq ir-Registru, il-kumpannija naqset mill-obbligi taghha illi tibghat kontijiet u prospetti annwali lir-Registratur ghar-registrazzjoni ai termini tal-Att dwar il-Kumpanniji. Fil-fatt l-ahhar kont annwali registrat mar-Registratur kien tas-sena 2007 filwaqt illi l-ahhar prospett annwali kien tas-sena 2007;*

*Illi tali nuqqas kien raguni bizzejjed sabiex l-esponent Registratur jissoponi illi l-kumpannija in kwistjoni ma kinetx qed topera jew tmexxi negozju, ai termini tal-Artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpanniji,*

*Illi in vista tas-suespost, ir-Registratur proceda sabiex kiteb lill-kumpannija u lill-ufficjal taghha sabiex javza illi l-isem tal-kumpannija kien ser jigi mhassar minn fuq ir-Registru kemm-il darba ma tintweriex raguni sabiex dan ma jsehhx;*

*Illi konsegwentement ai termini tal-Artikolu 325, l-esponent gie nfurmat illi kien hemm interess illi l-isem tal-kumpannija jibqa` fuq ir-Registru. Ir-Registratur jikkonsidra illi f`kaz illi l-kumpannija ghadha topera l-inqas haga li tista` taghmel hija li taggorna d-dokumentazzjoni taghha mar-Registratur u dan sabiex taghti stampa cara lil terzi persuni tal-pozizzjoni taghha u l-istat li tinstab fih;*

*Illi l-ufficjali tal-Malta Bunsiess Registry (MBR) informat lir-rikorrent illi ser tikkopja l-kollega taghha tal-Compliance Unit u l-kollega li kienet qieghda tiehu hsieb il-procedura tad-defunct. Tali persuna naqset milli tikkupjahom. L-imejl kienet mibghuta mid-direttur u kien hemm ikkupjat l-avukat tieghu u hadd ma gibed l-attenzjoni ta` Dottor Spiteri Lucas illi ma kienx hemm il-kollegi taghha meta kien fl-interess ahhari taghhom illi jaghmlu dan ghaliex Dottor Spiteri Lucas ma kkonfermatx li ser jieqaf il-process u kien jidher car illi ma kinetx hi l-persuna nkarigata li taghmel dan. L-interess rega` fegg meta skoprew illi l-kumpannija giet imhassra, meta kien tard wisq;*

*Illi ricentament ikkommunikat l-avukat tar-rikorrent ma` Dottor Spiteri Lucas u kkonfermat illi l-kumpannija ser taghmel dak kollu possibbli sabiex tigi aggornata u peress illi jidher illi kien hemm rieda tajba ntbaghat elenku ta` dokumentazzjoni li ghandhom jigu sottomessi flimkien mat-tariffa tal-prospetti annwali;*

*Illi r-rikors qieghed isir fiz-zmien il-hames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviz tat-thassir u ghalhekk ghadu fiz-zmien stipulat mil-ligi;*

*Illi jekk l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun illi l-isem tal-kumpannija jerga` jitqieghed fuq ir-Registru, ir-Registratur umilment jissolleva illi l-kumpannija ghandha taggorna d-dokumenti mehtiega kollha u dan sabiex jigi salvagwardjat l-interessi tat-terzi persuni u anki jithallsu l-penali dovuti lir-Registratur ta` nuqqasijiet li johorgu mill-Att. Ir-Registratur qieghed umilment jissolleva illi qieghed ihalli f`idejn dina l-Onorabbli Qorti u fil-provi sabiex jigu maghrufin il-passi illi ghandhom jittiehdu min-naha tieghu sabiex il-pozizzjoni tal-kumpannija in kwistjon tigi rattifikata.*

*Illi ghaldaqstant huwa lest li joqghod ghal kull direzzjoni u provediment illi din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni fic-cirkostanzi partikulari ta` dan il-kaz.*

*Bl-ispejjez.*

Semghet il-verbali tal-udjenzi tal-kawza, l-ahhar wiehed dak tat-18 ta` Frar 2021.

Rat id-digriet li nghata fl-udjenza tat-18 ta` Frar 2021 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. <u>L-Art 325 tal-Kap 386</u>

**L-azzjoni odjerna kienet intavolata abbazi tal-<u>Art 325 tal-Kap 386</u>.**

Id-disposizzjoni hija komposta minn seba` (7) subartikoli. Ir-Registratur ipproceda biex hassar mir-registru l-isem tal-kumpannija Business Systems Limited (C18440) abbazi tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) subartikoli.

Il-kondotta tar-Registratur intimat tirrizulta spjegata bl-aktar mod car fir-risposta tieghu.

Ir-rikorrenti qeghdin jitolbu li l-isem tal-kumpannija de qua jerga` jitqieghed fir-registru, ghar-ragunijiet ta` fatt li kienu mfissra fil-kawzali tar-rikors promotur.

Ir-rikorrenti qeghdin joqghodu fuq is-subartikolu (4) sabiex isostnu legalment ir-ragunijiet taghhom.

Huwa ben evidenti illi s-subartikoli (3), (5), (6) u (7) ma jghoddux ghall-kaz tal-lum.

Unikament ghall-fini ta` kompletezza, il-qorti sejra xorta wahda ticcita l-artikolu shih biex imbaghad tghaddi ghall-osservazzjonijiet taghha.

L-artikolu jaqra hekk –

*(1) Meta r-Registratur ikollu raguni bizzejjed biex jahseb li kumpannija ma tkunx qed tmexxi negozju jew ma tkunx qed topera, dan jista` jibghat lill-kumpannija ittra bil-posta fejn jistaqsi jekk il-kumpannija tkunx qed tmexxi negozju jew tkunx qed topera.*

*(2) Jekk ir-Registratur jircievi twegiba fis-sens li l-kumpannija ma tkunx qed tmexxi negozju jew ma tkunx qed topera, jew jekk ma jircevix twegiba fi zmien xahar minn meta jkun baghat l-ittra, dan jista` jibghat lill-kumpannija bil-posta u jippubblika avviz fil-Gazzetta jew fuq website mizmuma mir-Registratur u f`gazzetta li tohrog kuljum li c-cirkolazzjoni taghha tkun ghal kollox jew principalment f*

*\`Malta li, f\`eghluq tliet xhur mid-data tal-ahhar pubblikazzjoni tal-imsemmi avviz, l-isem tal-kumpannija ghandu, kemm-il darba qabel ma tintwerix raguni biex isir kuntrarju jew jekk ir-Registratur ikun sodisfatt li hemm ragunijiet bizzejjed biex ma jipprocedix bit-thassir, jithassar minn fuq ir-registru, u l-attiv tal-kumpannija jghaddi f\`idejn il-Gvern ta\` Malta.*

*(3) Jekk, f\`xi kaz fejn kumpannija tkun qed tigi stralcjata volontarjament, ir-Registratur ikollu raguni bizzejjed biex jahseb jew li ebda stralcjarju ma jkun qed jagixxi jew li l-affarijiet tal-kumpannija jkunu stralcjati ghal kollox, u li l-prospetti li huma mehtiega li jsiru mill-istralcjarju skond l-artikolu 322 ikunu tard b\`sitt xhur jew iktar, ir-Registratur jista\` jippubblika fil-Gazzetta jew fuq website mizmuma mir-Registratur u f\`gazzetta li tohrog kuljum li c-cirkolazzjoni taghha tkun ghal kollox jew principalment f\`Malta, avviz li f\`eghluq tliet xhur mill-ahhar pubblikazzjoni tal-imsemmi avviz, l-istralc tal-kumpannija ghandu, kemm-il darba qabel ma tintweriex raguni biex isir kuntrarju, jitqies li jkun gie mitmum u konsegwentament li l-isem tal-kumpannija jithassar minn fuq ir-registru. Ir-Registratur ghandu jiehu hsieb jibghat bil-posta kopja tal-imsemmi avviz lill-kumpannija u lill-istralcjarju, jekk ikun hemm. Malli jaghlaq l-imsemmi zmien ta\` tliet xhur l-istralc tal-kumpannija ghandu, kemm-il darba qabel ma tintwerix raguni biex isir kuntrarju, jitqies li jkun gie mitmum u r-Registratur ghandu jhassar l-isem tal-kumpannija minn fuq ir-registru u l-attiv tal-kumpannija jghaddi f\`idejn il-Gvern ta\` Malta.*

*(4) Jekk membru jew kreditur tal-kumpannija, jew xi persuna ohra li fil-fehma tal-Qorti jkollha interess li thossha aggravata bil-fatt li l-isem tal-kumpannija jkun thassar minn fuq ir-Registru bis-sahha ta\` dan l-artikolu, il-Qorti, fuq rikors maghmul mill-membru jew kreditur jew minn dik il-persuna l-ohra, qabel ma jghaddu hames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviz tat-thassir provdut fis-subartikoli (2) u (3), tista\`, jekk tkun sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpannija jerga\` jidhol fir-registru, tordna li dak l-isem jerga\` jidhol fir-registru, u mal-konsenja ta\` kopja ufficjali tal-ordni mir-Registratur tal-Qrati lir-Registratur ghar-registrazzjoni, il-kumpannija ghandha titqies li kompliet bl-ezistenza taghha daqslikieku isimha ma kienx thassar; u l-Qorti tista\` bl-ordni taghha taghti dawk id-direzzjonijiet u taghmel dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa biex il-kumpannija u l-persuni l-ohra kollha jitqieghdu fl-istess pozizzjoni kemm jista\` jkun vicin dik li kieku l-isem tal-kumpannija ma jkunx thassar. Ir-Registratur ghandu minnufih ighaddi biex jippubblika avviz fil-Gazzetta jew fuq website mizmuma mir-Registratur u f\`gazzetta li tohrog kuljum li c-cirkolazzjoni taghha tkun ghal kollox jew principalment f\`Malta u l-isem tal-kumpannija jerga\` jidhol fir-registru.*

*(5) Avviz mibghut taht dan l-artikolu jista` jigi indirizzat lill-istralcjarju fil-post tan-negozju jew fl-indirizz tieghu l-ahhar maghruf, u ittra jew avviz li ghandu jintbaghat lil kumpannija ghandu jigi indirizzat lill-kumpannija fl-ufficcju registrat taghha.*

*(6) Minkejja li l-isem tal-kumpannija jkun thassar minn fuq ir-registru skond id-disposizzjonijiet ta` qabel dan l-artikolu, ir-responsabbilità, jekk il-kaz, ta` kull direttur jew ufficjal iehor tal-kumpannija u ta` kull membru tal-kumpannija ghandha tkompli u tista` tigi infurzata daqslikieku l-isem tal-kumpannija ma jkunx thassar mir-registru.*

*(7) Minkejja d-disposizzjonijiet tal-artikolu 429(1), id-disposizzjonijiet ta` dan l-artikolu japplikaw ghal kumpannija li x-xoljiment u l-istralc konsegwenzjali taghha jkunu regolati bl-Ordinanza.*

## III. <u>Konsiderazzjonijiet</u>

Tghid illi kien unikament minhabba l-fatt illi l-kumpannija de qua naqset milli tottempera ruhha mal-obbligi taghha skont il-ligi skont kif indikat fir-risposta li wassal lir-Registratur sabiex jaghti bidu ghall-procedura tat-thassir tal-isem tal-kumpannija mir-registru tal-kumpanniji skont is-subartikolu (1) tal-Art 325.

Tiddikjara ruhha sodisfatta li r-Registratur segwa l-procedura kollha prevista mis-subartikolu (2) tal-Art 325.

Jirrizulta li r-rikorrenti talbu id-dhul mill-gdid tal-isem tal-kumpannija fir-registru kemm bhala diretturi kif ukoll bhala azzjonisti.

Tghid mill-ewwel illi kieku r-rikorrenti kien biss diretturi, l-azzjoni taghhom kienet tinkalja mill-bidu nett.

Tghid hekk ghaliex waqt li jkun ghaddej it-terminu ta` tliet xhur li jissemma fis-subartikolu (2) tal-Art 325, trid tkun il-kumpannija, permezz tar-rapprezentanti legali taghha, li f`dawk it-tliet xhur tissoddisfa lir-Registratur illi hemm ragunijiet bizzejjed sabiex ma jipprocedix bit-thassir. Jekk il-kumpannija tramite r-rapprezentanti legali taghha jew ma tiehux azzjoni fit-terminu nkella ma tissoddisfax

lir-Registratur f`dak it-terminu (din tal-ahhar kif jidher illi kien il-kaz) r id-dekorrenza ta` dak it-terminu johloq stat kontra l-kumpannija u l-isem jithassar *ipso jure*.

Tkompli tghid li r-rikorrenti kienu wkoll azzjonisti.

Tqis li t-thassir tal-isem skont is-subartikolu (2) tal-Art 325 **mhuwiex mahsub** sabiex jolqot il-persuni li huma indikati fis-subartikolu (4) tal-Art 325.

Ghalhekk membru **jew** kreditur tal-kumpannija **jew** xi persuna ohra li jkollha interess ma ghandhomx l-obbligu li jissodisfaw lill-intimat ai termini tas-subartikolu (2) tal-Art 325. Kwindi d-dekorrenza tat-terminu ta` tliet xhur imsemmi fis-subartikolu (2) tal-Art 325 ma johloqx stat kontra taghhom.

Dment illi dawn il-persuni jissodisfaw ir-rekwiziti tas-subartikolu (4) tal-Art 325, huma jistghu jirnexxu fit-talba taghhom sabiex l-isem tal-kumpannija jerga` jitqieghed fir-registru. F`dak il-kaz, id-dritt tal-azzjoni huwa mhares ghal zmien hames snin mit-thassir tal-isem tal-kumpannija.

Ghalhekk is-subartikoli (2) u (4) tal-Art 325 huma distinti ghax jolqtu persuni b`interessi differenti.

**Il-qorti tirrileva li r-rikorrenti ghamlu l-prova ghas-sodisfazzjon taghha li huwa ben gustifikat l-interess taghhom ghaliex il-kumpannija li taghha thassar l-isem mir-registru ghandha terga` tmur lura fuq ir-registru.**

**Ghalhekk wara li qieset il-fatti u cirkostanzi ta` dan il-kaz, il-qorti sejra tiddeciedi favur li l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-registru.**

**Fl-istess waqt il-qorti trid taghmilha li bil-fatt illi sejra tordna li l-isem tal-kumpannija *de qua* jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji bl-ebda mod ma ghandu jfisser li bhal donnu l-qorti tat xi *carte blanche* lill-kumpannija de qua, lill-ufficjali**

**taghha u lill-azzjonisti sabiex kulma ma sarx tajjeb u skont il-ligi fil-passat qabel sar it-thassir tal-isem issa jista` jigi jirrepeti ruhu.**

**Propju xejn minn dan.**

**Bil-fatt illi l-isem jerga` jidhol fir-Registru, il-kumpannija trid turi fil-konkret kif irid il-Kap 386 li sejra tidhol lura fil-binarji tal-legalita` minghajr ma jkun hemm ghalfejn li r-Registratur tal-Kumpanniji jkollu jagixxi minhabba inadempjenzi ta` kull minn huwa responsabbli fis-socjeta` de qua.**

**Jekk il-kumpannija terga` tkun inadempjenti, il-qorti m`ghandhiex l-icken dubju li l-intimat jerga` jipprocedi skont is-subartikolu (1) tal-Art 325 tal-Kap 386, skont kif jesigu d-drittijiet u l-obbligi tieghu.**

**Jista` jkun li f`dak il-kaz il-konsiderazzjonijiet tal-qorti diversi minn dawk tal-lum.**

**Decizjoni**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-qorti qeghda tipprovdi dwar it-talbiet tar-rikorrenti u dwar l-eccezzjonijiet tal-intimat, billi qeghda taqta` u tiddeciedi hekk :-**

**1. Tordna li l-isem Integrated Business Systems Limited li kien abbinat mal-kumpannija li kellha n-Numru ta` Registrazzjoni C18440 jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji.**

**2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex sa zmien sebat ijiem mil-lum jikkonsenja lir-Registratur tal-Kumpanniji ghar-registrazzjoni kopja ufficjali tal-ordni li permezz taghha l-isem Integrated Business Systems Limited li kien abbinat mal-kumpannija li kellha n-Numru ta` Registrazzjoni C18440 jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji.**

**3. Tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex sa zmien sebat ijiem mid-data li fiha tkun ikkonsenjata lilu mir-Registratur tal-Qorti kopja ufficjali tal-ordni li permezz taghha l-isem Integrated Business Systems Limited li kien abbinat mal-kumpannija li kellha n-Numru ta` Registrazzjoni C18440 jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji jippubblika avviz fil-Gazzetta tal-Gvern jew fuq *website* mizmuma mir-Registratur u f`gazzetta li tohrog kuljum li c-cirkolazzjoni taghha tkun ghal kollox jew principalment f`Malta fejn jghid illi l-isem tal-kumpannija Integrated Business Systems Limited li kien abbinat mal-kumpannija li kellha n-Numru ta` Registrazzjoni C18440 rega` dahal fir-Registru tal-Kumpanniji.**

**Tordna li l-ispejjez kollha ta` din il-kawza ghandhom jithallsu mir-rikorrenti, komprizi spejjez ohra li jkunu talvolta mehtiega sabiex l-isem tal-kumpannija Integrated Business Systems Limited (C18440) jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**